# SIĠĠIEWI ALBUM

N. Vassallo D. Litt.

# IL-MISRAĦ



RITRATT BIL-KORTESIJA TA' JOHN VASSALLO.

Il-biċċa l-kbira tal-Maltin meta jsemmu s-Siġġiewi aktarx jifhmu San Nikola, w aħna s-Siġġiwin meta nsemmu 'l San Nikola quddiem għajnejna nġibu l-Pjazza.

Fi żmieni, meta kont tfal, konna ngħidu: "Il-Misraħ", tal-lum jgħidu: "Il-Pjazza". Għalina biżżejjed; m'hemmx għalfejn ismijiet oħra. Ħadd ma jgħid: "Pjazza San Nikola" għax tiftiehem xorta waħda minħabba li fil-fehma tas-Siġġiwin ma jeżistux pjazez oħrajn fostna. Hawn fil-qalba tar-Raħal kienu u għadhom jinħmew, biex ngħid hekk, il-grajjiet tar-Raħal u tagħna s-Siġġiwin. Ilkoll hawn ninġabru biex nilqgħu jew nagħtu merħba lil xi ħadd; għal magħmudija, tieġ, l-Ewwel Tqarbina, l-festa, kif ukoll għall-aħħar tislima lill-għeżież tagħna. Imqar jekk beħsiebek tiltaqa' ma' xi ħadd, arah jgħidlek: "Stennieni fil-Pjazza, ħdejn San Nikola. Sa wara l-Gwerra it-toroq kollha t'hawn, tista' tgħid, kienu jiħduk il-Misraħ, u d-djar tat-trufijiet kienu jdawwru r-Raħal bħal swar, kollha jħarsu 'l ġewwa, lejn il-knisja.

Ħafna nies minn irħula oħrajn jgħidulha "Il-pjazza tas-Siġġiewi". U hekk hu, għax il-Pjazza sawruha s-Siġġiwin. Sa meta nbdiet il-knisja fl-1676 fuq dik ix-xaqliba, milli jidher, ir-raħal kien għadu mhux żviluppat wisq. Minn xi kuntratti ta' dak iż-żmien, wieħed jifhem li l-ftit djar li kienu jinsabu n-naħa ta' San Pawl kienu mferrxin qalb il-ġraden u r-raba. Fil-post fejn illum hemm il-Pjazza kien hemm xi toroq imserrpin li minn ħdejn San Ġwann kienu jiġbdu 'l fuq lejn il-Kamrun jew lejn Santa Margarita. Xi bini li kien hemm twaqqa' mbagħad għall-ħabta tal-1680. Il-kappillan ta' dak iż-żmien talab lill-isqof permess biex jiftaħ wesgħa kbira w arjuża quddiem il-knisja l-ġdida.

Kien żmien meta l-poplu tas-Siġġiewi kien tassew ħerqan biex jara li l-opra tiegħu (il-knisja) mhux biss tingħata prominenza iżda wkoll li madwarha jinħoloq ambjent li kemm jista' jkun ikattar il-ġmiel tagħha. Għal dan il-għan twaqqgħu ukoll tlitt kappelli biswit xulxin, waħda tan-Nativita', oħra ta' San Mattew u l-oħra ta' Santa Katarina. Dawn kienu ġew profanati fl-1658 minħabba li kienu jinsabu fi stat ħażin. Għalhekk is-Siġġiwin fl-1682 qablu li jwarrbu minn hemm dik il-ħerba peress li ma kienx hemm tama li l-kappelli jerġgħu jinbnew mill-ġdid.

Immexxijin mill-kappillan Dun Duminku Farrugia u bil-ħidma ta' kull min kien jiflaħ imqar iġorr qoffa terrapien, is-Siġġiwin ġomalajr lestew misraħ imdaqqas quddiem il-knisja, hekk li meta l-Isqof David Coccopalmieri fl-1686 żar ir-raħal tagħna skanta

(IKOMPLI F'PAĠNA 33)

(IKOMPLI MINN PAĠNA 31)

mhux ftit, tant li l-parroċċa l-ġdida dakinhar issejħet *"inloco distincto ab antiqua parochia et eminentiori ... casalis ... construitur"* (ġiet mibnija f'post maqtugħ mill-parroċċa l-qadima, imma wieħed mill-aqwa tar-raħal).

Hekk, ftit ftit, il-Pjazza ħadet is-sura tal-lum. Maż-żmien ħafna familji magħrufin, kemm siġġiwin kif ukoll minn bnadi oħra ta' Malta, fettxew li jibnu darhom qrib il-knisja, l-aktar fil-Pjazza. Ir-raħal tagħna fis-sekli sbagħtax u tmintax kien meqjus bħal post ta' villeġġjatura, għall-kenn u mingħajr il-biża' ta' xi ħbit għall-għarrieda mill-ħallelin tal-baħar; fl-istess waqt imdawwar bil-ġonna u l-widien li f'dak iż-żmien kienu l-għaxqa u s-seħer tan-nies għonja, għax hemm kienu jgħaddu xi ġurnata għall-kaċċa, flimkien ma' ħbiebhom. B'hekk telgħu l-palazz ta' Bologna li mbagħad fil-bidu ta' das-seklu serva wkoll bħala skola primarja tal-gvern; id-dar Cachia Zammit, numru 39, ta' stil tard-barokk li għalkemm qadima anki llum tiġbed bil-ġmiel tal-gallarija u l-faċċata tagħha l-ammirazzjoni ta' kull min iżur is-Siġġiewi. Ma' dawn wieħed irid iżid ukoll Dar Ommna Marija, li wkoll fl-imgħoddi rat jissawwru ħafna mill-ġrajjiet ta' niesna. Hawn għal żmien twil kienet tinsab l-Għassa tal-pulizija u f'xi żmien kienet isservi bħala berġa tal-gvern u post tal-votazzjoni.

Iżda l-Misraħ jieħu dehra hekk dinjituża li tqanqal fl-istess waqt qima, għira w għożża, l-aktar bl-istatwa ta' San Nikola fin-nofs, bil-knejjes ta' San Ġwann u ta' Santa Marija ta' Ċwerra fuq iż-żewġ naħat. Bejn wieħed w ieħor dawn saru fl-istess żmien. Iż-żewġ kappelli tal-lum inbnew mill-ġdid għall-ħabta ta' nofs is-seklu tmintax, fil-waqt li San Nikola sar fis-sena 1734 aktarx minn Pietru Felici wkoll. Hawn min jgħid li l-istatwa ttellgħet f'posta bla tbatija ta' xejn, permezz ta' rampa, rombli u ħbula mxarrbin li kull darba jistiraw u weħedhom jiġbdu xibrejn l-istatwa 'l quddiem. Il-ġebla tagħha nqatgħet minn għalqa magħrufha sal-lum bħala "L-għalqa ta' San Nikola", minn fejn il-lum hemm il-bir, in-naħa ta' Ħaramija sewwa sew fejn Triq Wied Xkora tisbokka fil-*bypass*.

Mal-ġenb ta' San Nikola hemm ġiebja kbira. Din saret wara l-1748 bil-ħsieb li jinġabar l-ilma tax-xita mill-Pjazza. Il-prokuraturi tas-Sagrament taw xi djar b'ċens u bil-flus li nġabru tħaffret din il-ġiebja. Huma għamluha ċara fil-kuntratt li minnha jista' jinqeda "l-poplu kollu tas-Siġġiewi" biex b'hekk ħadd, la mislem u l-anqas ilsir, ma seta' jkun imċaħħad li jimla x'jixrob minn hemm.

Ix-xjuħ tagħna jiftakruha sewwa l-għajn tal-Pjazza. Ħafna jirrakkontaw kif fil-ġranet tas-sajf kienu jaqalgħu diragħjhom jgħollu u jniżżlu l-imradd biex jippompjaw l-ilma. Oħrajn jgħidu li tant hi fonda l-ġiebja li f'għomorhom ma jiftakrux li l-ilma qatt inħela. Għal xi żmien, infatti, fis-snin Sittin u Sebgħin l-ilma kien jingħata b'irħis lill-bdiewa u l-bawzers kienu jaqtgħu jġorru biss meta l-muturi ma kienx jibqgħalhom saħħa jtellgħu l-ilma.

Sa ftit snin ilu fil-Pjazza quddiem Dar Ommna Marija kien għad hemm żewġ siġar ta' l-awrikarja ferm ogħla mill-bini. Iżda anki dawn darba minnhom għamlet tromba u qerdithom minn mal-ħamrija. Qabilhom niftakar tnejn oħra bħal tal-ficus, waħda ma' ġenb ta' Ċwerra 'l isfel u l-oħra fuq il-bankina ħdejn Majsi. Kienu jimlew biċċa ġmiela mill-Misraħ bid-dell u ż-żibeġ tagħhom sakemm għal nofs is-snin Ħamsin inqatgħu w għodwa waħda ħaduna mill-iskola biex nassistu għal *"Arbor Day"*. Wara diskors qasir, il-ministru ta' l-edukazzjoni ta' dak iż-żmien ħawlet siġra ta' l-oleander waqt li xi tfal ta' l-iskola ħawlu l-oħrajn madwar il-Pjazza kollha. Issa għad-dew aktar minn tletin sena. Is-siġar kibru sew u kull meta jasal Ġunju jimlew u jfewħu l-Misraħ bi fjuri ħomor u bojod bħal kieku biex ifakkruna li l-festa reġgħet magħna.

## Avviż Importanti

Se jkollna numru limitat ta' "Video Cassettes" tal-festa ta' San Nikola 1987. Din se tkun opportunita unika sabiex iġġedded il-memorji ta' Qrabatek imsefrin.

GHALL-AKTAR TAGHRIF IRRIKORRU GHAND - LOUIS STATIONERY, SIGGIEWI